# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-22 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 5 ta' Mejju 2016 fis-6.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużat** | |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |

**22/01** **Talba**

**21/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba.

**22/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 21**

**22/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti Nru 21.

**22/03** **Punti mtella' mill-Minuti 21**

**22/03/01** **Para 21/03/01:** Il-Kunsill ġie nfumat li l-U bollard fi Triq San Ġwann għandha ssir għada, 6 ta' Mejju 2016. U Bollard ta' Triq San Bartilmew saret. Il-ħaddiem tal-Kunsill għandu jmur u jiżbogħha

**22/03/02** **Para 21/03/02:** Il-Kunsill għadu qed jistenna ċ-ċertifikat rivedut tax-xogħlijiet li saru fi Triq Fra Dumink Mifsud.

**22/03/03** **Para 21/03/03:** Is-Sur Carl Grech għandu jissorvelja l-kuntrattur tal-knis u tal-latrina.

**22/03/04** **Para 21/03/04:** Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-ARMS rigward l-arloġġi tal-Kunsill u tas-Searchlight Battery.

**22/03/05** **Para 21/03/05:** Rigward il-proposta għal Bus Bay fi Triq 31 ta' Marzu, il-Kunsill innota li kienu dahlu xi lmenti. Għalhekk ġie deċiż li din il-Bus Bay għandha tiġi fil-Pjazza mal-genb tal-Knisja quddiem Sqaq ir-Ruzarju. Għandha ssir laqgħa fuq il-post mal-MPT.

**22/03/06** **Para 21/05/02:** Il-Pulizija għandu jagħmel rapport lil GPD rigward periklu li hemm minħabba l-kundizzjoni ħażina tal-Victoria Lines.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**22/03/07** **Para 21/06/08:** Ġie deċiż li tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal Ġnien ta' Żagħruna bil-pjanti ppreżentati mill-Perit tal-Kunsill.

**22/03/08** **Para 21/06/09:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għas-smiegħ tal-applikazzjoni tas-sit fi Triq Caravaggio. Hu tkellem fuq l-impatt negativ li dan l-iżvilupp ser ikollu fuq il-lokal imam sfortunatament il-MEPA xorta approvat l-applikazzjoni.

**22/03/09** **Para 21/07/01/02**: Kien hemm qbil unanimu li ssir preżentazzjoni ta' momentum lil Klabb tal-Futball Għargħur bħala tifkira għall-promozzjoni tagħhom.

**22/04** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**22/04/01** Ġie innutat il-permess mill-Pulizija u l-Insurance għal-logħob tan-nar għall-attività Għargħur mal-Medda taż-Żmien.

**22/04/02** Ġiet innutata proposta mill-Kumpanija ReFab biex jibdew jirreċiklaw il-ħwejjeġ fil-lokal. Għandu jsir kuntatt mal-GreenMT rigward din il-proposta.

**22/04/03** Kien hemm diskussjoni rigward ittra anonima fejn qed tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill b'tabelli ta' Propjetà Privata fl-aħħar parti ta' Triq Fidel Zarb fit-triq. Din għandha tiġi riferuta lill-Pulizija.

Is-Sur Mark Azzopardi skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.30pm.

**22/04/04** Il-Kunsill ġie nfurmat dwar laqgħa li saret mal-Onor Deborah Schembri. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-propjetà li hija devoluta lill-Kunsill u propjetajiet oħra tal-Gvern li hemm fil-Għargħur.

**22/04/05** Il-Kunsill innota l-iskivan il-ġdid beda mal-Kunsill minflok l-iskivan li rriżenja. Intbagħtu l-formoli u l-informazzjoni mitluba lil ETC u lil DLG kif titlob il-liġi.

**22/04/06** Is-Sindku u l-Kunsillier Christopher Fenech attendew għall-wirja fi Triq il-Kbira fejn anke attendiet il-President ta' Malta.

Is-Sur Mark Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-6.45pm

**22/04/07** Il-Kunsill innota l-Press Conference mill-Onor Stefan Buontempo li saret is-Sibt, 30 ta' April 2016 fl-Oratorju tal-Għargħur għall-attività Għargħur mal-Medda taż-Żmien. Kif ukoll it-tberik tal-annimali l-Ħadd, 1 ta' Mejju 2016 fil-Pjazza.

**22/04/08** Saret laqgħa mal-forman tal-Enemalta dwar dawl tal-arblu fir-round about fi Triq il-Balal. Kien hemm konferma ukoll biex titwaħħal il-bozza l-ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn u fi Triq Zaghruna. Ser jigi ikonfermat li l-Enemalta ser tiehu hsieb il-cables sabiex jitwassal id-dawl ghall-bozoz il-godda.

**22/04/09** Kien hemm diskussjoni rigward talba mill-Għaqda tal-armar biex isiru xi toqob fi Triq l-Oratorju u Triq Emmanuel Perren. Kien hemm qbil unanimu.

**22/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**22/05/01** 18116081244302 Talba biex karozzi tal-linja jgħaddu minn Triq Naxxar. Din għandha tiġi riferuta lil Transport Malta.

**22/05/02** 18116009244178 Talba biex linja safra fi Triq Caravaggio tinbidel f'double yellow line jew titneħħa. Kien hemm qbil li din it-talba mhux ġustifikata.

**22/05/03** Talba minn resident biex isiru linji sofor quddiem il-garaxx tieghu minħabba li l-ġar tiegħu qed jimblukalu l-garage. Gie deċiż li din it-talba ma tintlaqax.

**22/05/04** 18116082244269 Ġew innutati diversi lmenti rigward il-Bus Bay proposta fi Triq 31 ta' Marzu. Ġie deċiż li jinsab post alternattiv fil-Pjazza.

**22/05/05** 18116042244315 Ilment rigward Triq l-Indipendenza kantuniera ma’Triq Caravaggio.

**22/05/06** CAS – 15938 V1K8J2 Talba biex isiru linji tal-parkeġġ fi Triq Fra Dumink Mifsud. Kien hemm qbil unanimu li dawn ma jsirux għalissa.

**22/05/07** Ilment rigward il-mirja fil-latrina. Din għandha tiġi mitluba lill-kuntrattur.

**22/05/08** Is-Sur Mario Gauci ġab għall-attenzjoni l-ilment li żewġ residenti kienu ressqu lill-Kunsill dwar parkeġġ ħażin li qed isir fi Sqaq fi Triq Mons L Catania. Għandu jsir double yellow line jew junction box biex jitħalla aċċess ghar-residenti tal-isqaq. Ghandha ssir site visit.

**22/06** ***Korrispondenza***

**22/06/01** Ġew innutati korrispondenza mill-PA.

**22/06/02** Ġiet innutat l-approvazzjoni tad-DLG tal-Appraisal Report tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**22/06/03** Ġiet innutata korrispondenza mid-DLG rigward servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal.

**22/06/04** Ir-Reġjun Tramuntana appunta lil Smart ICT għal IT maintenance.

**22/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**22/07/01** Is-Sindku tkellem fuq il-finanzjament u l-promozzjoni li qed issir għall-attività tas-Sibt 7 ta' Mejju, il-Għargħur mal-Medda taż-Żmien. Tkellem ukoll fuq is-sit fi Triq l-Isqof Gargallo kantuniera ma' Triq San Bartilemew fejn il-kuntrattur qed jokkopa art pubblika. Għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur fuq din u jintalab li jaghmel permess skont il-ligi. Ġie innutat ukoll l-irregolarità minn kuntrattur fi Triq San Ġwann li għalaq it-triq bla permess. Meta jiġri hekk għandha tiġi rrapportata lill-Pulizija. Gie deċiż li minhabba dawn l-abbuzi kull meta jintalab permess ghall-armar ta' crane fi Triq San Gwann irid ikun hemm il-presenza tal-Gwardjan Lokali.

**22/07/02** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li għandu jiftaħ l-Uffiċċju tal-LEAP fil-Għargħur sal-aħħar ta' Mejju. Informa lill-Kunsill ukoll li għandu jsir Coffee Morning it-Tlieta, 10 ta' Mejju 2016 fil-Kunsill. F'Ġunju għandu jsir Coffee Morning ieħor u ħarġa għal Għawdex.

**22/07/03** Is-Sur Fenech tkellem fuq il-laqgħa li kellu l-Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-Kummissarju għar-Riduzzjoni tal-Burokrazija. Il-Kunsill huwa mistieden jinforma lill-Kummissarju meta jiltaqa' ma' burokrazija żejda f'aġenziji tal-gvern.

**22/08** **Appovazzjoni tal-Pagamenti**

**22/08/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**22/09** **Aġġornament**

**22/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Mejju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |